MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2010

Numru 1209/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**vs**
**Terrence Scerri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Terrence Scerri ta’ 26 sena, mwieled fit-3 t’April, 1984 fil-Pieta’, bin Mario u Carol nee’ Cucciardi u residenti gewwa numru 6, Triq St. Anna, l-Isla u detentur tal-karta tal-identita’ 196684M;

Talli f’dawn il-gzejjer, fit-13 ta’ Novembru, 2010 f’xi hin bejn il-hamsa ta’ filghodu u s-sebgha ta’ filghodu waqt li kien gewwa l-Qawra, San Pawl il-Bahar;

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offizi fuq il-persuni ta’ PC 1364, PC 210 persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu

jew minhabba li kien u ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezisetenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 1364 C. Vella u cioe' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1364 C. Vella skond kif iccertifikat mit-tabib Dr. L. Gatt MD Reg. No. 2189 u dan bi ksur ta' Artikolu 221 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn u indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 1364 C. Vella Attard, jew ma helliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien fl-ghassa tal-pulizija tajt falz lil

ufficjal pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur tal-artikolru 338 (g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Terrance Scerri li sar recediv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante li l-prosekuzzjoni m'ghandhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja l-Qorti rrikorriet ghal-procedura li tissospendi l-prezentata u meta regghet issejhet il-kawza, l-imputat kkonferma l-ammisjoni tieghu;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammisjoni l-akkuzi jirriuzltaw pruvati;

Rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 338(bb), (dd), (ee) u (g), 342 u 49 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u skuza ruhu ghall akkadut;

Tiddeciedi billi tillibera lil-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Oltre dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (Euro 500) fuq l-ewwel akkuza u ghal hlas ta' ammenda ta' sittin euro (Euro 60) fuq l-akkuzi 4, 5, 6 u 7.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------